MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1622/2003

Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti
u in rapprezentanza tas-socjeta estera
American
Home Assurance Company kif surrogat
fid-
drittijiet tal-assigurat tieghu Concetta
Grima u
l-istess Concetta Grima

Vs

Ray Axiaq

Seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ mija u sbatax-il lira Maltija u sebghin centezmu (Lm117.70) hlas ta’ danni sofferti f’incident tat-traffiku lisehh fit-22 ta’ Frar 2002 fi Sa Maison, waqt li l-

konvenut kien qieghed isuq il-vettura HAU 175 u dahal fil-vettura ta' Concetta Grima numru IAE 684 misjuqa minn Mario Grima u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u sbatax-il lira Maltija u sebghin centezmu (Lm117.70), bl-imghax mid-data tan-notifikat ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------